# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 18 ta' Gunju 2001**

**Avviz. numru 1908/97**

**Numru 26**

**Formosa & Camilleri Ltd. u dawn bhala agenti tad-ditta estera Guardian Royal Exchange Assurance PLC kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurati taghhom Alfred Gera & Sons Ltd. u l-istess Alfred Gera & Sons Ltd f'isimhom propju.**

**vs**

**Edward Tanti**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta' attrici nomine et s-somma komplessiva ta' Lm225 (mitejn u hamsa u ghoxrin lira) - kwantu ghal Lm150 (mija u hamsin lira) danni mhallsa fuq vettura U-9587 mill-attur noe u assigurata bhala comprehensive hlief ghal Lm75 (hamsa u sebghin lira) "excess" u ghal liema somma l-attur jinsab surrogat fid-drittijiet ta' Alfred Gera & Sons

Ltd., u kwantu ghal Lm75 “excess” imhallsa minn Alfred Gera & Sons Ltd. u dan kollu b’rizultat ta‘ habta li grat fis-27 ta’ Dicembru 1996 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura R-7464 habat mal-vettura U-9578 tal-assigurat u misjuqa minn Ruben Mifsud u ghal liema incident kien unikament responsabbli l-konvenut.

Bl-ispejjes dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta’ Jannar 1997 u bl-imghax tat-8% fuq Lm225 mid-data tal-avviz sal-hlas effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni u dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz kontra Fogg Ltd.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 10 tal-atti) li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba illi l-incident awtomobilistiu in kwistjoni sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ Ruben Mifsud illi kien qed isuq il-vettura propjeta’ ta’ l-atturi Alfred Gera & Sons Limited.

2. Illi l-incident de quo sehh minhabba illi l-istess Ruben Mifsud kien wieqaf fuq il-karreggjata ta’ barra, fid-dlam, u minghajr ebda indikazzjoni sabiex iwissi lit-traffiku, u b’hekk holoq perikolu ghat-

traffiku ta' warajh u emergenza subitanea illi kienet il-kawza ta' l-incident.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-<u>kawza</u>.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-incident in esami gara f'Triq Ghajn Rihana fil-limiti tal-Mosta, liema triq, ghan-nizla, tiehdok fid-direzzjoni ta' Burmarrad (ara l-iskizz a fol 23 tal-atti).

Illi <u>Reuben Mifsud</u>, l-assikurat tas-socjeta' attrici xehed (fol 30 ibid) illi ghall-habta tas-7pm tas-27 ta' Dicembru 1996, kien qed jsuq lejn Burmarrad il-karozza numru U 9578, bid-dwal mixghulin. Fuq quddiem kien hemm vettura ohra bin-numru DAB (jew E) 045 misjuqa ukoll fuq l-"outer lane". F'hin minnhom, din il-vettura <u>skiddjat</u> u waqfet. Da parti tieghu ix-xhud ghafas ukoll il-"brake". Pero' l-vettura misjuqa minnu habtet mal-ohra fuq in-naha ta' wara ta' din - "<u>wara xi ftit sekondi</u>" ("<u>..... xi ftit tal-hin ....</u>") mill-habta kif deskritta, giet vettura ohra numru R-7464 misjuqa mill-konvenut u habtet fuq in-naha ta' wara tal-vettura misjuqa mix-xhud. L-istess xhud specifika u enfasizza

li meta saret it-tieni habta, hu kellu d-dwal ta' wara mixghulin (ara ukoll x-xhieda ta' mart Reuben Mifsud, Josephine, a fol 31 tal-atti).

Illi gie prodott bhala xhud, Joseph Vella (fol 40 u 41 tal-atti) li kien qed jsuq il-vettura fuq quddiem. Dan xehed li kif kien wasal kwazi fl-ahhar tan-nizla, waqt li kienet niezla x-xita u kien qed jaghfas "kemm kemm" il-"brake", hu hass daqqa u b'hekk waqaf. Meta hareg mill-vettura tieghu, hu ra li kienet habtet, go tieghu, dik misjuqa minn Reuben Mifsud. Inoltre, biz-zewg vetturi weqfin minghajr ma seta' jippreciza kemm kien ghadda hin mill-habta, karozza ohra habtet f'dik li kienet habtet ma tieghu. L-istess xhud ippreciza li kienet niezla x-xita, il-vizibilta' ma tantx kienet tajba u t-triq kienet pjuttost mudlama.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 43 et seq) sostna li "f'daqqa wahda, jiena u niezel, .... ndunajt li kien hemm xi ostakolu fin-nofs". Ghalhekk hu ghafas il-"brake", baqa jitkaxkar, izda habat mal-vettura quddiemu. Inolte hu enfasizza li z-zewg vettura, di gja mahbutin u bin-nies ghadhom go fihom kienu minghajr dwal u minghajr xi sinjal iehor.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess, jidher li dan il-kaz trattasi ta' kollisjoni f'triq pjuttost mudlama u cirkostanza ambjentali difficli minhabba l-maltemp, liema fatturi certament ikkontribew sabiex l-istess incident jsehh.

Illi, dwar l-origini ta' dan, Reuben Mifsud u Joseph Vella, it-tnejn prodotti mis-socjeta' attrici nomine et ma jaqblux fil-versjoni li huma taw rispettivament, kif jidher mis-sintesi hawn fuq migjuba. Difatti Joseph Vella fl-ebda hin, ma jsemmi li l-vettura misjuqa minnu "skiddjat" izda jindika biss li waqt li kien niezel, hu hass daqqa u waqaf.

Illi mill-istess provi, jidher li l-konvenut sab ruhu rinfaccjat b'emergenza subitanea billi f'daqqa wahda ra li kien hemm ostakolu quddiemu (iz-zewg vetturi gja mahbutin).

Ghandu jigi rilevat li bejn l-ewwel kollizjoni u t-tieni wahda li fiha kien involut l-konvenut odjern, ma jidhirx li kien ghadda hafna hin. Anzi jidher li dawn il-kollizzjonijiet graw, bi spazju ta' ftit sekondi biss.

Illi jinghad ukoll li ma ingiebet ebda prova li l-konvenut kien effettivament jsuq b'mod traskurat jew irresponsabbli u b'hekk wara li l-Qorti ikkunsidrat dak premess, ma tistax issib lill-konvenut

responsabbli ghall-kollisjoni in esami a basi ta' xi evidenza risultanti mill-istess provi prodotti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tilqa' it-tieni eccezzjoni tal-konvenut tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici nomine et.

J Borg
Dep.Reg